**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 08**

**Data: 17 ta' Dicembru 2024**

**Hin: 8.05am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| | |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

08.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

08.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

08.5 Korrispondenza u Rapporti;

08.6 Offerti;

08.7 Bord ta' Aggudikazzjoni tal-Offerti;

08.8 Progetti u Xogholijiet;

08.9 Performance Bonus ta' l-Impjegati;

08.10 Materji ohra;

08.11 Skeda ta' Pagamenti;

08.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**08.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

08.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

08.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

08.3.1 Is-Sindku qal li fis-16 ta' Jannar ser ikun qed jitilghu quddiem il-bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar, l-applikazzjonijiet tat-tlett kmamar tan-nar li ser jinstemghu quddiem l-istess board. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fejn baqa' unanimament tal-istess opinjoni kif gie diskuss fl-laqgha precedenti li jekk ghandu jinhareg permess dan ghandu jkun ghall-kamra tan-nar tal-Gharb. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku ghandu jirraprezenta lill-Kunsill quddiem l-awtorita'. Joseph Mizzi qal li jekk huwa possibli ghandhom ikunu l-membri kollha jidhru quddiem il-board. Is-Sindku qal ukoll li Dr. Bonello ma tistax tkun mall-Kunsill ghaliex hi tkun tirraprezenta lil min ikun qed jogezzjona.

08.3.2 Is-Sindku qal li kien hemm diskussjoni bejn ir-residenti fi Sqaq il-Fgura fejn kien hemm familja li trid is-sinjali sofor u l-familja l-ohra ma tridhomx. Bhala Kunsill kien diga approva li jsiru s-sinjali sofor pero' min-naha ta' Transport Malta dawn ma kienux gew awtorizzati. Is-Sindku qal li hija l-awtorita' li trid taghti l-approvazzjoni u l-Kunsill min-naha tieghu jista' jevalwa s-sitwazzjoni pero' bhala decizjoni finali hija dejjem tat-Transport Malta. Is-Sindku pogga fuq il-mejda l-pjan ta' kif qed jigu proposti s-sinjali u ta spjegazzjoni taghha. Huwa qal ukoll li wiehed mir-residenti kien qed jilmenta li minhabba li ghandu mard fil-familja jibza' li jekk ikun hemm bzonn ta' ambulanza ma jkunx hemm fejn tieqaf. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel unanimament li Transport Malta ghandha tiehu decizjoni hi u jekk ikun hemm bzonn isir anke survey mar-residenti koncernati peress li hija l-awtorita' li tirregolizza r-regolamenti tat-toroq u wara li din tiehu decizjoni ghandha tinforma lill-Kunsill.

08.3.3 Saret referenza ghall-kompetizzjonijiet tal-Milied fejn is-Sindku qal li hemm numru ta' residenti li kienu qed jippartecipaw f'dawn il-kompetizzjonijiet fosthom l-Isbah Sigra tal-Milied, L-isbah faccata / tieqa mzejna u l-isbah poezija. Ghal dawn il-kompetizzjonijiet iridu jinstabu *judges* biex jiddeciedu minhabba l-premijiet. Gew proposti diversi persuni fosthom Paul Stellini u l-Ghaqda Hbieb tal-Presepju. Il-Kunsill qabel li ghandu javvicina lil dawn biex jara jekk humiex interessati li jkunu judges.

08.3.4 Is-Sindku qal li kien hemm talba sabiex Sqaq ta' Gahan jinghata isem u ghaldaqstant kienet saret *site visit*. Huwa spjega li gewwa dan l-isqaq kien hemm zewg sqaqien u zewg trejqiet li fihom stess jinqasmu fi tnejn. Huwa qal li bhala isem ghalkemm kien maghruf bhala sqaq ta' Gahan ma jigix accettat. Is-Sindku qal li jrid jinstab isem lil dan l-isqaq. Fost l-ismijiet li gew issugeriti kien hemm Sqaq ta' Klara li jkun dak tan-naha tal-lemin u Sqaq tal-Boxla. Bhala pjazzetta ta' fejn hemm il-parkings dan jista' jkun Wesgha l-Brilli. Li jibqa' biss huwa parti ohra li hija pero' privata u din hija fejn hemm id-djar godda. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li wiehed jista' jara kif kienu maghrufin mill-bennej meta kienu qed jinbnew. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi mall-ismijiet proposti.

**08.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

08.4.1 Giet trattata misqosija minghand il-Kunsillier Joseph Mizzi:

Xtaqt nigbed l-attenzjoni dwar tabella fil-bidu ta' Triq Sdieri/Pjazza Gerano. Din tinsab wiccha 'l gew, imsadda u mghawwga, skont kif jidher fir-ritratti annessi. Nitlob li titranga u forsi maghha tizdied tabella SLOW biex ikun indikat ahjar li m'ghandhiex tintuza velocita'.

Is-Sindku qal li din it-tabella giet rrangata. Fir-rigward ta' Slow il-Kunsill qabel li ghandha tehel tabella slow f'dan il-post.

**08.5 Korrispondenza u Rapporti**

08.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet minghand l-Awtorita' tal-Ippjanar:

PA/07924/24, PA/06014/24, PA/07854/24, PA/04825/24, PA/07822/24, PA/018125/24 u PA/08138/24.

08.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar is-Sahha fejn il-Kunsill qabel li din ghandha tiggeded ghall-haddiema u l-membri tal-Kunsill.

08.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn ghal din is-sena huwa ta' €292,173.00. Gie innotat li l-parti tal-gbir ta' skart tnehhiet mill-allokkazjoni tal-Kunsill u ser tghaddi direttament ghand ir-Regjun.

08.5.4 Gie trattata l-istatut tal-fondazzjoni ta' Gharb Community Services. Is-Sindku ssugerixxa biex bhala membri tal-board ikun hemm David Apap bhala

Administrator, Emily Amatulli Depasquale bhala Segretarju, Lisa Marie Brooke Tezorier, Joseph Mizzi PRO, Louis Apap Coordinator u Tonio Mifsud bhala sostitut. Il-Kunsill qabel mall-membri kif proposti.

08.5.5 Giet trattata korrispondenza minghand il-familja Melotte sabiex jintuza l-Meeting Hub ghall-prayer meetings taghhom. Il-Kunsill iddiskuta din il-korrispondenza u qabel li ghandhom jinghata l-possibilita' li juzaw il-Meeting Hub.

08.5.6 Fir-rigward tal-iskema tac-CIES gie spjegat li kien hemm tlett persuni li applikaw. Saret diskussjoni min jista' jkun fuq il-board tal-ghazla sabiex isiru l-*interviews*. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom ikunu s-Sindku, Lisa Marie Brooke, u Max Xuereb.

**08.6 Offerti**

08.6.1 Is-Sindku qal li giet ippublikata l-offerta' ghall-*lift* ghal ARB Complex. Huwa qal li din ser taghlaq fis-17 ta' Jannar. Is-Sindku ppropona sabiex parti mill-fondi li kienu allokati ghall-iskema tal-Accessibilita' u Mobilita' jmorru ghall-installazzjoni u xiri tal-*lift*. Sadanittant huwa spjega li l-Kunsill kien applika ukoll mall-Gozo Action Group ghal fondi pero' ma kienx ghad hemm risposta. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba sabiex il-fondi mill-Iskema tal-Accessibilita' jitharku biex isir lift fl-ARB Complex peress li dawn qed isir biex joffri accessibilita' ghal pool li hija ukoll terrapewtika.

**08.7 Bord ta' Aggudikazzjoni tal-Offerti**

08.7.1 Il-Kunsill iddiskuta l-membri li jistghu jintaghzlu sabiex ikunu fuq il-bordijiet tal-offerti li jigu ppublikati. Il-Kunsill qabel li ghandu jistieden lil Joe Louis Grima bhala tekniku, Pauliana Said fil-parti finanzjarja, s-Sindku bhala evalwatur u l-Vici Sindku bhala chairman tal-bord. Il-Kunsill qabel unanimament.

**08.8 Progetti u Xogholijiet**

08.8.1 Is-Sindku spjega li x-xogholijiet fuq l-ARB Complex qeghdin ghaddejjin. Huwa zied jghid li ghada huwa impjanat li jehlu l-bandli fejn il-park tal-Astronomy.

08.8.2 Fir-rigward ta' Triq Tumas Cassar gie spjegat li qed isir pressjoni fuq il-kuntrattur sabiex jibda' x-xogholijiet u qed nistennew li jibda' minn hin ghall-iehor. Gie innotat li l-problema principali hija li l-pannelli jridu jigu kkomunikati. Is-Sindku qal li huwa staqsa lil Enginier sabiex isir meter temporanju pero' dan ikun qed jaghti enegija u l-Kunsill ma jircievi xejn. Min-naha l-ohra gie spjegat li fiz-zona l-Kunsill diga ghandu meter *three phase* u hemm bzonn li jehel iehor biex tahdem is-sistema. Problema ohra huwa li qed jintilfu fondi li jigu generati mis-sistema.

**08.9 Performance Bonus ta' l-Impjegati**

08.9.1 Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus ta' l-iskrivan Christian Attard kif ukoll ta' l-Animal Steward Joe Louis Piscopo fejn dawn gew approvati unanimament mill-Kunsill. Is-Sindku ddikjara li fir-rigward tal-Performance Bonus ta' Christina Camenzuli huwa ghandu nteress personali u ghalhekk filwaqt li talab li jigi skuzat hareg mil-laqgha. Il-Vici Sindku Louis Apap kompla jippresiedi. Gie diskuss l-Performance Bonus ta' Christina Camenzuli fejn dan gie approvat unanimament. Is-Sindku gie imsejjah lura ghal-laqgha u kompla jippresiedi. Gie diskuss il-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv fejn Lisa Marie Brooke iddikjarat li ghandha nteress personali u ghalhekk filwaqt li talbet li tigi skuzata harget mil-laqgha. Il-Kunsill iddiskuta il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u dan gie approvat unanimament. Lisa Marie Brooke isejjet lura fil-kamra.

**08.10 Materji ohra**

08.10.1 Is-Sindku qal li bhalissa ghaddej il-program ta' attivitajiet tal-Milied li qed jigi organizzat kif ippjanat.

08.10.2 Fir-rigward tal-ikla tal-Milied, il-Kunsill qabel li bhala data ghandha tkun 6 ta' Jannar.

08.10.3 Saret referenza ghas-safra fejn gie spjegat li l-biljetti ma setghux jinstabu. Is-Sindku ppropona li ssir safra bejn 6 sal-10 ta' Frar gewwa Andorra fi Spanja. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha tigi organizzata.

08.10.4 Is-Sindku ppropona li ssir harga ghall-familja f'Jannar kif hu normali li jsir ta' kull sena. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandha tigi organizzata fit-3 ta' Jannar u ghandhu jinhareg il-flyer biex jitqassam fir-residenzi.

**08.11 Skeda ta' Pagamenti**

08.11.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**08.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

08.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar fid-9am.

08.12.2 Il-laqgha spiccat fid-9.01am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv